## Il-Problema tal-Faqar fost in-Nisa

Ħmistax-il sena wara li kienet iffirmata id-dikjarazzjoni ta' Beijing dwar id-drittijiet tan-nisa għad fadal ħafna xi jsir. L-aktar nisa vulnerabbli illum jinkludu ommijiet mhux miżżewwġa, nisa anzjani u immigranti. F']afna mill-Istati Membri tal-UE, 17% tan-nisa jesperjenzaw il-faqar meta mqabbel ma' 15% tal-irġiel. Dan iwassal biex ċertu nisa jittraskuraw saħħithom filwaqt li s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħhom twassalhom jibqgħu jgħixu ma' rġiel vjolenti u jġiegħlu oħrajn biex jidħlu għal prostituzzjoni u t-traffikar uman.

Konxja ta' din is-sitwazzjoni, l-UE qegħda kontinwament tfassal strateġija biex tnaqqas il-faqar billi toffri lill-Istati Membri qafas għal pjan ta' azzjoni. Din l-istrateġija tinkludi żvilupp ta' pjan biex jinkoraġġixxi politika nazzjonali ta' 'inklużjoni attiva', u biex jippromovi mal-Ewropa aċċess għal bdil ta' l-aħjar prat-tiċi u ideat. Il-liġijiet Ewropej għal ugwaljanza u kontra d-diskrimanazzjoni huma wkoll maħsuba biex ikomplu joħorgu lin-nisa mill-faqar.

Il-faqar fost in-nisa Maltin

Statistika uffiċjali maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għall-okkazjoni tal-Jum Internazzjonali tan-Nisa fit-8 ta' Marzu li għadda tiżvela kif f'Malta 16% tal-popolazzjoni femminili tinsab f'riskju ta' faqar. Dan hu 2% aktar mir-rata li teżisti fost l-irġiel. Differenzi sinifikanti jirriżultaw ukoll fir-rati ta' faqar li jeżistu bejn nisa fi gruppi differenti ta' eta'. Ir-rati f'pajjiżna jvarjaw minn 13% għal dawk bejn 25 u 49 sena, għal 20% tan-nisa li għandhom inqas minn 18-il sena jew aktar minn 65 sena.

L-għeruq ta' din il-problema hawn Malta u fl-Ewropa ġejjin minn diversi fatturi. Fost dawn wieħed issib l-mentalita' tradizzjonali fejn il-bniet huma aktar inklinati li jagħżlu impjieg meqjus bħala xogħol tan-nisa, it-tagħlim tat-tfal żgħar jew kaxxiera, fejn ir-rata tal-ħlas hi baxxa. Mill-banda l-oħra, nisa f'ambjent iktar kom-petittiv jistgħu jiffaċċjaw dak li hu magħruf bħala s-"saqaf tal-ħġieġ" jiġifieri li jżommhom milli jimlew karigi maniġerjali jew pożizzjonijiet għolja li jkunu okku-pati mill-irġiel. Problema oħra hi li faxxa kbira ta' nisa jkollhom jieqfu mix-xogħol mingħajr ħlas wara li jkollhom it-tfal.

Mill-istess statistika ppubblikata jirriżulta li r-rata ta' impjiegi għan-nisa ta' bejn 15 u 64 sena telgħet minn 34% fl-2003 għal 37 % fl-2008.

Hemm ukoll il-possibilta' li l-kriżi ekonomika twassal biex in-numru ta' persuni bla xogħol jiżdied sostanzjalment, speċjalment fost il-ħaddiema fis-settur pubbliku fejn in-nisa huma ħafna iktar fin-numru. Kien għalhekk li l-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa fil-jum propju tat-8 ta' Marzu – Il-Jum Internazzjonali tan-Nisa, saħaq fuq l-fatt li hu importanti li n-nisa m'għandhomx ibatu minnħabba r-reċissjoni li diġa' qed tħalli rizultati negattivi fuq nisa li jaħdmu *part-time* jew għandhom xogħol mhux tal-fiss.

Hu għalhekk li s-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali qegħdha sservi bħala pass importanti għal aktar implimentazzjoni ta' liġijiet u rego-li li jiggarantixxu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa bil-għan aħħari jkun li jonqos l-faqar fost in-nisa.

Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa ssuġġeriet ukoll li l-UE għandha tmexxi studju dwar kemm in-nisa qed jikkontribwixxu dħul finanzjarju għall-familja matul dan il-perjodu ta' riċessjoni. Il-biċċa l-kbira tan-nisa huma l-uniċi li jikkontribwixxu dħul finanzjarju għall-familja, waqt li wħud oħra jagħtu kontribut siewi lill-ekonomija tal-familja. Hu importanti wkoll li wieħed jeżamina u jiġbor tagħrif dwar il-kisbiet tan-nisa li jaħdmu fil-qasam kummerċjali matul dan iż-żmien ta'kriżi finanzjarja, ħalli b'hekk ikunu identifikati strateġiji u miżuri innovattivi li jistghu jitwettqu fuq skala ikbaru b'hekk iwasslu biex tkompli tittejjeb il-qagħda finanzjarja tan-nisa.